



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

12600/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0257 (NLE)

---

---

CULT 100  
AUDIO 89  
POLCOM 117  
RELEX 1217  
COMER 104  
JUR 598

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/2169 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../2022**

**ta'...**

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/2169 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda,  
u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 167(3) u l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/2169<sup>1</sup> dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.
- (2) Il-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali ("il-Protokoll")<sup>2</sup> anness mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra<sup>3</sup> ("il-Ftehim") jistabbilixxi l-qafas li fi ħdanu l-Partijiet għandhom jikkooperaw għall-iffaċilitar ta' skambji li jirrigwardaw l-attivitajiet, l-oġġetti u s-servizzi kulturali, inkluż fis-settur awdjoviżiv.
- (3) Il-Protokoll jinkludi dispożizzjonijiet dwar dritt ta' koproduzzjonijiet awdjoviżivi li jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi tal-Partijiet għall-Ftehim.
- (4) Skont l-Artikolu 5(8), il-punt (b), tal-Protokoll, wara l-perjodu inizjali ta' tliet snin, id-dritt jiġġedded għal perjodi oħra suċċessivi tal-istess tul, sakemm Parti ma ttemmx id-dritt billi tavża bil-miktub mill-anqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu inizjali jew ta' kwalunkwe perjodu suċċessiv ieħor.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 307, 25.11.2015, p. 2).

<sup>2</sup> ĠU L 127, 14.5.2011, p. 1418.

<sup>3</sup> ĠU L 127, 14.5.2011, p. 6.

- (5) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2169, il-Kummissjoni għandha tavża lir-Repubblika tal-Korea bl-intenzjoni tal-Unjoni li ma testendix il-perjodu tad-dritt għal koproduzzjoni sakemm, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill ma jaqbilx b'mod unanimu erba' xhur qabel tmiem il-perjodu tad-dritt li jkompli d-dritt.
- (6) Fis-sentenza tal-1 ta' Marzu 2022 fil-kawża C-275/20, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*<sup>1</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2169 ma tikkonformax mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sa fejn tirrikjedi li l-Kunsill jivvota b'mod unanimu. Ir-regola tal-votazzjoni applikabbli għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2169 jenħtieġ li tkun dik stabbilita fl-Artikolu 218(8), l-ewwel subparagrafu, TFUE, jiġifieri votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill.
- (7) Għalhekk, ir-rekwiżit li l-Kunsill jaġixxi b'unanimità sabiex jiddeċiedi dwar il-kontinwazzjoni tad-dritt jenħtieġ li jitħassar.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 266 TFUE, sabiex is-sentenza tiġi implimentata malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Marzu 2022, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-275/20, ECLI:EU:C:2022:142.

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2169, tiĥassar it-tielet sentenza.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---